MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1253/2003

**Joseph u Carmela konjugi Borg**

**vs**

**Mary Grixti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' disgha u hamsin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm59.51) rapprezentanti hsarat kagunati b'daqqa ta' gebla ossija oggett iebes mill-istess konvenuta, fil-vettura tal-ghamla "Toyota" bin-numru ta' registrazzjoni DBD-816, propjeta` ta' l-atturi, fl-1 ta' April, 2003, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta’ Joseph Borg li spjega l-fatti u kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ disgha u hamsin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm59.51) bl-imghax legali dekorribli mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------